IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 30.6.2016
COM(2016) 268 final

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea

{SWD(2016) 162 final}

RAPPORT TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW U LILL-KUNSILL

Rapport Annwali dwar l-Implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-UE u l-Korea

1. Introduzzjoni

L-1 ta' Lulju 2015 kien ir-raba' anniversarju tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles (Free Trade Agreement - FTA) bejn l-UE u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea ("il-Korea"). L-FTA ġie applikat provviżorjament sa minn Lulju 2011. Fit-13 ta' Diċembru 2015, daħal fis-seħħ formalment wara r-ratifika mill-Istati Membri tal-UE.

L-FTA bejn l-UE u l-Korea huwa l-ewwel wieħed f'ġenerazzjoni ġdida ta' FTAs, u huwa kkaratterizzat min-natura estensiva u komprensiva tiegħu. Huwa wkoll l-ewwel ftehim kummerċjali tal-UE ma' pajjiż Ażjatiku u l-aktar FTA ambizzjuż implimentat mill-UE sa issa.

L-FTA diġà ra l-ewwel emenda tiegħu. Il-Protokoll Addizzjonali mal-FTA biex titqies l-adeżjoni tal-Kroazja mal-UE ġie ffirmat f'Marzu 2014 u l-applikazzjoni proviżorja tiegħu bdiet mis-26 ta' Mejju 2014. Huwa daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2016.

Dan huwa r-raba' Rapport Annwali dwar l-implimentazzjoni tal-FTA skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 511/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2011 li jimplimenta l-klawżola ta' salvagwardja bilaterali tal-Ftehim ta' Kummerċ Ħieles bejn l-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri tagħha u r-Repubblika tal-Korea[1]. Skont l-Artikolu 13(1) tar-Regolament imsemmi, il-Kummissjoni għandha tippubblika rapport annwali dwar l-applikazzjoni u l-implimentazzjoni tal-Ftehim. Barra minn hekk, l-Artikolu 3(3) jistipula li l-Kummissjoni ta' kull sena għandha tippreżenta rapport ta' monitoraġġ lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill rigward l-istatistika aġġornata dwar l-importazzjonijiet mill-Korea ta' prodotti f'setturi sensittivi u f'dawk is-setturi li jkun ġie applikat għalihom il-monitoraġġ. Dan ir-rapport għalhekk jgħaqqad flimkien dawn iż-żewġ rekwiżiti ta' rappurtar. L-evoluzzjoni tal-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea fis-setturi koperti mill-monitoraġġ u r-riżultati tal-monitoraġġ speċifiku dwar ir-rifużjoni tad-dazju huma ppreżentati fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni mehmuż ma' dan ir-rapport.

Ir-rapport jagħti wkoll ħarsa ġenerali lejn l-attivitajiet tad-diversi kumitati u gruppi ta' ħidma stabbiliti skont l-FTA biex jimmonitorjaw l-implimentazzjoni tal-ftehim. Billi l-biċċa l-kbira ta' dawn iltaqgħu fit-tieni nofs tal-2015, dan ir-rapport ikopri l-perjodu minn Lulju 2014 sa Diċembru 2015. L-analiżi tal-istatistika tal-kummerċ tkopri r-raba' sena tal-implimentazzjoni, jiġifieri Lulju 2014 sa Ġunju 2015 biex tippermetti paragun mal-perjodu korrispondenti ta' 12-il xahar qabel ma l-FTA daħal fis-seħħ, filwaqt li s-sommarju tal-attivitajiet tal-korpi ta' implimentazzjoni tal-FTA ikopri s-sena kalendarja 2015.

[1] ĠU L 145, 31.5.2011, p. 19.

2. VALUTAZZJONI KUMPLESSIVA: ŻVILUPP TAL-KUMMERĊ WARA ERBA' SNIN MILL-IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTA

2.1. Metodoloġija użata għall-analiżi

L-analiżi ta' hawn taħt tal-flussi tal-kummerċ bilaterali f'oġġetti bejn l-UE u l-Korea hija bbażata fuq paragun bejn id-dejta tar-raba' sena ta' implimentazzjoni tal-FTA (Lulju 2014 – Ġunju 2015) u dik tat-12-il xahar ta' qabel ma l-FTA daħal fis-seħħ u bdiet l-applikazzjoni proviżorja (Lulju 2010 – Ġunju 2011).

Fir-rigward tal-kummerċ fis-servizzi, l-analiżi hija bbażata fuq dejta annwali sal-2014.

Ta' min jinnota li t-tibdiliet fil-flussi tal-kummerċ ma jistgħux jiġu attribwiti biss lill-FTA, għax fatturi oħra wkoll jinfluwenzaw il-flussi tal-kummerċ. Madankollu, iċ-ċifri pprovduti hawn taħt jagħtu indikazzjoni tajba ta' kif l-FTA ħadem sa issa.

2.2. Evoluzzjoni ġenerali tal-kummerċ f'oġġetti


L-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea żdiedu b'55%, minn EUR 30,6 biljun fil-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma l-FTA daħal fis-seħħ għal EUR 47,3 biljun fir-raba' sena tal-FTA. Iż-żieda annwali fl-esportazzjoni kienet ta' aktar minn 15% fl-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-FTA[2], ta' 8%-9% fit-tieni u fit-tielet sena, u ta' 14% fir-raba' sena.

L-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea ta' prodotti li ġew totalment jew parzjalment liberalizzati mill-FTA kibru b'57% u 71% rispettivament meta mqabbla mal-perjodu ta' 12-il xahar ta' qabel ma l-FTA daħal fis-seħħ (bi EUR 8,8 biljun u EUR 1,7 biljun rispettivament), filwaqt li l-esportazzjonijiet tal-UE ta' prodotti soġġetti għat-tariffa MFN ta' rata żero naqsu b'25% (EUR 1,9 biljun). It-tkabbir rispettiv tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-bqija tad-dinja[3] ta' dawn il-prodotti kien ta' 19% għal prodotti kompletament liberalizzati, ta' 26% għal prodotti parzjalment liberalizzati u ta' 13% għall-prodotti MFN żero.

Graff 1: L-Esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea u l-Importazzjonijiet mill-Korea, Lulju 2010-Ġunju 2015 (f'biljuni ta' EUR)

[2] L-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-FTA (Lulju 2011 - Ġunju 2012), it-tieni sena (Lulju 2012-Ġunju 2013), it-tielet sena (Lulju 2013-Ġunju 2014), ir-raba' sena (Lulju 2014-Ġunju 2015).

[3] Dan jirreferi għal kummerċ barra mill-UE biss, jiġifieri l-kummerċ ma' Stati Membri tal-UE huwa esklużż.



Sors: EUROSTAT-COMEXT (maħruġa f'Ottubru 2015)

L-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea matul ir-raba' sena tal-FTA kienu jammontaw għal EUR 40,0 biljun, li żdiedu b'5% mill-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-dħul fis-seħħ tal-FTA. Fit-tielet u r-raba' sena tal-implimentazzjoni, l-importazzjonijiet żdiedu b'6% kull sena, filwaqt li fit-tieni sena naqsu b'6% meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

Ta' min jinnota li fir-raba' sena tal-implimentazzjoni tal-FTA, l-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea żdiedu aktar mill-importazzjonijiet dinjin tal-UE, li żdiedu bi 2% meta mqabbla mas-sena ta' qabel.

L-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea ta' prodotti li ġew totalment jew parzjalment liberalizzati mill-FTA kibru b'35% u 64% rispettivament meta mqabbla mal-perjodu ta' 12-il xahar ta' qabel id-dħul fis-seħħ tal-FTA (b'EUR 5,0 biljun u EUR 0,5 biljun rispettivament), filwaqt li l-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea ta' prodotti soġġetti għat-tariffa MFN b'rata żero naqsu b'29% (b'EUR 5,8 biljun).

B'mod ġenerali, id-defiċit kummerċjali ta' EUR 7,6 biljun tal-UE mal-Korea fil-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma l-FTA daħal fis-seħħ inbidel f'surplus kummerċjali li kien jammonta għal EUR 7,3 biljun fit-tielet sena tal-FTA.

Is-sehem tal-UE mill-importazzjonijiet totali tal-Korea żdied minn 9% qabel id-dħul fis-seħħ tal-FTA għal 13% fir-raba' sena tiegħu. Matul l-istess perjodu ta' żmien, is-sehem tal-UE mill-esportazzjonijiet totali tal-Korea naqas minn 11% għal ftit anqas minn 9%[4].

2.3. Effetti settorjali

F'termini tal-esportazzjonijiet tal-UE, l-aktar kategoriji importanti ta' prodotti huma:

[4] Is-sehem tal-UE mill-importazzjonijiet Koreani totali jirreferi għall-importazzjonijiet tal-Korea mill-UE bħala sehem mill-importazzjonijiet dinjija tal-Korea. Is-sehem tal-UE mill-esportazzjonijiet Koreani totali jiddeskrivi l-esportazzjonijiet tal-Korea lejn l-UE bħala sehem mill-esportazzjonijiet dinjija tal-Korea.

- "Makkinarju u tagħmir" (SA[5] 16), li tirrappreżenta 30% tal-esportazzjonijiet totali tal-UE lejn il-Korea, li żdiedet b'24%.
- "Tagħmir tat-trasport" (SA 17), li tirrappreżenta 21% tal-esportazzjonijiet totali tal-UE lejn il-Korea, li żdiedet b'134%.
- "Prodotti kimiċi" (SA 06), li tirrappreżenta 12% tal-esportazzjonijiet totali tal-UE lejn il-Korea, li żdiedet b'21%.
- Kategoriji oħra ta' prodotti li wrew żieda sinifikanti fl-esportazzjonijiet tal-UE minn Lulju 2011 huma "Prodotti minerali" (SA 05)[6]), "Perli u metalli prezzjużi" (SA 14), "Xedd tas-saqajn" (SA 12) u "Injam" (SA 09).

Il-livell attwali tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea kien jiġġenera pagamenti tad-dazju ta' EUR 2,8 biljun li kieku l-FTA ma kienx fis-seħħ[7].

Sa fejn huma kkonċernati l-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea, il-kategoriji ta' prodotti ewlenin huma:

- "Makkinarju u tagħmir", li tirrappreżenta 36% tal-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea, li naqset b'16%.
- "Tagħmir tat-trasport", li tirrappreżenta 26% tal-importazzjonijiet totali tal-UE mill-Korea, li varjat matul l-erba' snin u li f'Ġunju 2015 kienet kważi fl-istess livell bħal f'Ġunju 2011.
- Ġew innotati żidiet sinifikanti fl-importazzjonijiet tal-UE ta' "Prodotti kimiċi" u "Plastiks" (SA 07), li żdiedu b'115% u 59% rispettivament wara d-dħul fis-seħħ tal-FTA.

2.4. Il-kummerċ bilaterali ta' vetturi bil-mutur u parts tal-karozzi

L-esportazzjonijiet tal-UE ta' vetturi bil-magna (SA 8703) żdiedu b'206%, minn EUR 2,0 biljun (74 600 unità) fil-perjodu ta' 12-il xahar qabel id-dħul fis-seħħ tal-ftehim għal EUR 6,1 biljun (210 900 unità) fir-raba' sena tal-FTA, li jirrappreżentaw 13% tal-esportazzjonijiet totali tal-UE lejn il-Korea. Iż-żieda annwali fl-esportazzjonijiet kienet ta' madwar 35% matul it-tieni u t-tielet sena tal-FTA, filwaqt li fir-raba' sena kienet ta' 61%.


L-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea żdiedu bi 53% minn EUR 2,6 biljun għal EUR 4,0 biljun jew bi 13% f'termini ta' unitajiet importati, (minn 300 000 għal 339 000). Iż-żieda kollha (53%) seħħet matul l-ewwel sena tal-implimentazzjoni tal-FTA. Vetturi bil-mutur jammontaw għal 10% tal-importazzjonijiet totali tal-UE mill-Korea.

Graff 2: L-Esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea u l-Importazzjonijiet tal-UE mill-Korea ta' Vetturi bil-Mutur, Lulju 2010-Ġunju 2015 (f'biljuni ta' EUR)

[5] Sistema armonizzata

[6] L-esportazzjonijiet tal-UE ta' "Prodotti minerali" lejn il-Korea żdiedu l-aktar fl-ewwel sena ta' implimentazzjoni tal-FTA. Huma jirrappreżentaw 7% tal-esportazzjonijiet totali tal-UE lejn il-Korea.

[7] Dan il-kalkolu huwa bbażat fuq l-importazzjonijiet Koreani mill-UE fil-livell SA6, fir-raba' sena ta' implimentazzjoni tal-FTA (Dejta tal-ITC).



Sors: EUROSTAT-COMEXT (maħruġa f'Ottubru 2015)

L-esportazzjonijiet tal-UE ta' parts tal-karozzi lejn il-Korea[8] kienu ta' madwar EUR 1,2 biljun fir-raba' sena tal-FTA, wara li żdiedu bi 18% mill-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma l-FTA daħal fis-seħħ. L-ogħla żieda annwali (12%) seħħet fir-raba' sena tal-implimentazzjoni tal-FTA.

L-importazzjonijiet tal-UE mill-Korea ta' parts tal-karozzi żdiedu b'aktar minn 36%, minn EUR 2,2 biljun fil-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma l-FTA daħal fis-seħħ għal EUR 3,0 biljun matul ir-raba' sena tal-FTA. Iż-żieda ta' 23% fl-importazzjonijiet fl-ewwel sena tal-FTA kienet segwita minn tnaqqis ta' 13% fit-tieni sena u żieda annwali ta' 12% fit-tielet u fir-raba' sena.

2.5. Kummerċ fis-servizzi u Investiment Dirett Barrani (IDB)

Fl-2014, is-servizzi esportati mill-UE ammontaw għal EUR 11,9 biljun, li żdiedu bi 11% meta mqabbla mas-sena ta' qabel. Fl-istess ħin, l-importazzjonijiet tas-servizzi tal-UE mill-Korea kienu jirrappreżentaw EUR 6,0 biljun, li raw żieda ta' 4% meta mqabbla mal-2013. Il-kummerċ fis-servizzi tal-UE mal-Korea jirrappreżenta 1% tal-kummerċ barra l-UE fis-servizzi.

Tabella 1: Il-kummerċ totali bejn l-UE u l-Korea f'servizzi totali (f'miljuni ta' EUR)

	Importazzjonijiet tal-UE (Debitu)	Esportazzjonijiet tal-UE (Kreditu)	Bilanċ Kummerċjali tal-UE
2010	4 749	7 436	2 687
2011	4 602	7 864	3 262
2012	4 888	8 980	4 092

[8] Parts tal-karozzi inklużi tajers (401110, 401211), magni (840733, 840734, 840790, 840820) u parts (8708).

2013	5 747	10 722	4 975
2014	5 959	11 917	5 958

Sors: Eurostat (BOP)

Fl-2014 l-istokkijiet endoġeni tal-IDB tal-UE lejn il-Korea kienu jammontaw għal EUR 43,7 biljun, filwaqt li l-istokkijiet eżoġeni tal-IDB tal-UE mill-Korea kienu jammontaw għal EUR 20,3 biljun (żieda ta' 35% meta mqabbla mas-sena ta' qabel). Dawn iċ-ċifri jirrappreżentaw 1% tal-istokkijiet tal-IDB barra mill-UE.

Tabella 2: L-Investiment Dirett Barrani bejn l-UE u l-Korea (f'miljuni ta' EUR)

	Stokkijiet		**Flussi**	
	Eżoġeni	**Endoġeni**	**Eżoġeni**	**Endoġeni**
2010	13 140	37 480	4 012	2 448
2011	10 782	36 306	1 810	2 217
2012	16 866	35 206	4 302	-179
2013 (b)	14 871	32 308	1 751	1 172
2014	20 252	43 720	4 436	5 629

Nota: (b) waqfa fis-serje. Id-dejta għall-2010-2012 hija miġbura skont il-metodoloġija BPM5 u mhijiex komparabbli mad-dejta għall-2013-2014 li hija bbażata fuq il-metodoloġija BPM6. Entitajiet bi Skop Speċjali (SPEs) huma inklużi[9].

2.6. L-użu ta' preferenzi tariffarji skont l-FTA

Abbażi tad-dejta riċevuta għar-raba' sena tal-implimentazzjoni tal-FTA, ir-Rata ta' Utilizzazzjoni ta' Preferenza (Preference Utilisation Rate - PUR) ġenerali tal-UE fis-suq Korean kienet ta' 65%. Dan jikkompara ma' 66% fit-tielet sena tal-FTA. Din ir-rata turi sa liema punt l-esportaturi tal-UE qed jużaw id-dispożizzjonijiet tal-FTA[10]. L-użu tal-preferenzi fi prodotti agrikoli kien ogħla minn dak fil-prodotti industrijali (86% vs. 64%).

Fil-livell tal-Istati Membri tal-UE, l-użu tal-preferenzi varja bejn 6% u 91%. L-Istati Membri bl-ogħla PURs, 'il fuq minn 80%, huma l-Latvja, l-Awstrija u s-Slovakkja, filwaqt li l-Istati Membri bl-aktar PURs baxxi, taħt is-16%, huma Malta u l-Lussemburgu.

Fit-taqsima tas-SA, l-ogħla PURs ġenerali jinsabu f'"Tagħmir tat-trasport" (SA 17) u "Annimali ħajjin u prodotti tal-annimali" (SA 1) fil-livell ta' 93%. L-aktar PURs ġenerali baxxi (inqas minn 50%) jinsabu fi "Prodotti minerali" (SA 05), "Perli u ħaġar prezzjuż" (SA 14), "Metalli komuni" (SA 15) u "Makkinarju" (SA 16).

[9] Fl-2014, l-SPEs kienu jirrappreżentaw 44% tal-istokkijiet endoġeni tal-UE lejn il-Korea u 3% tal-istokkijiet eżoġeni tal-UE mill-Korea. Rigward il-flussi, 84% tal-flussi endoġeni tal-UE lejn il-Korea u 19% tal-flussi eżoġeni tal-UE mill-Korea kienu jirreferu għal SPEs.

[10] Huwa ugwali għall-proporzjon li ġej:

Importazzjonijiet preferenzjali tal-Korea (il-valur tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea li jidħlu fil-Korea bir-rati preferenzjali)

L-importazzjonijiet eliġibbli preferenzjali tal-Korea (il-valur tal-esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea li huma eliġibbli għal rati preferenzjali)

Fir-rigward tal-esportazzjonijiet Koreani lejn l-UE, il-PUR ġenerali fis-suq tal-UE kien ogħla mill-PUR tal-UE, u laħaq l-84% fl-2014. Fit-taqsima tas-SA, l-ogħla PURs kienu fi "Prodotti minerali", "Tagħmir tat-trasport" u "Plastiks u lasktu" (aktar minn 90%), filwaqt li l-aktar PURs baxxi kienu f'"Injam" u "Perli" (madwar 9% u 34% rispettivament). Ta' min jinnota li l-PUR Koreana għall-makkinarju kienet ta' 72%, jiġifieri ħafna ogħla mill-PUR rispettiva tal-UE ta' madwar 48%[11].

3. L-ATTIVITAJIET TAL-KORPI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-FTA

Id-dispożizzjonijiet istituzzjonali tal-FTA stabbilixxew seba' Kumitati Speċjalizzati, seba' Gruppi ta' Ħidma kif ukoll Djalogu dwar il-Proprjetà Intellettwali (PI). Il-Kumitat tal-Kummerċ annwali tal-FTA tal-UE-Korea f'livell ministerjali għandu rwol superviżorju u jiżgura li l-FTA jaħdem sew. Fl-2015, il-biċċa l-kbira tal-kumitati u l-gruppi ta' ħidma, inkluż il-Kumitat tal-Kummerċ, iltaqgħu fil-Korea, kif miġbur fil-qosor hawn taħt. Barra minn hekk, is-Summit bejn l-UE u l-Korea sar f'Seoul, il-Korea, fil-15 ta' Settembru 2015.

Il-**Kumitat dwar il-Miżuri Sanitarji u Fitosanitarji** ltaqa' f'Sejong City, il-Korea, fid-9 ta' Ġunju 2015. Il-Kumitat iddiskuta l-Att Speċjali tal-Korea dwar l-Immaniġġar tas-Sikurezza tal-Ikel Impurtat u l-leġiżlazzjoni subordinata tiegħu li qed tiġi ppreparata, il-kwantità tal-ġbir tal-kampjuni għall-ittestjar ta' prodotti ta' valur għoli, il-progress tal-proċedura tal-approvazzjoni tal-importazzjoni fuq iċ-ċanga tal-UE, it-talba tal-UE biex jiġu applikati l-prinċipji tar-reġjonalizzazzjoni u biex jitneħħew il-projbizzjonijiet fuq l-importazzjoni tal-majjal mill-Polonja u tat-tjur u prodotti tat-tjur minn ċerti Stati Membri tal-UE, il-klawżola "imwielda u mrobbija" fil-protokolli sanitarji bilaterali bejn l-Istati Membri tal-UE u l-Korea, u l-esportazzjonijiet tal-UE ta' ġobon mhux pasturizzat lejn il-Korea, l-esportazzjonijiet Koreani tas-soppa tat-tiġieġ u l-ginseng u tal-barbun taż-żebbuġa ħaj lejn l-UE u l-istandards tal-Istati Membri tal-UE għall-kontenut tal-jodju fl-algi.

Il-**Grupp ta' Ħidma dwar il-Vetturi bil-Mutur u l-Parts** iltaqa' f'Seoul fl-10 ta' Ġunju 2015. L-aġenda ġiet maqsuma fi kwistjonijiet dwar l-implimentazzjoni tal-FTA, kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq u diskussjoni dwar il-konverġenza u l-iżvilupp regolatorji futuri. Fil-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni tal-FTA u f'laqgħa teknika separata, sar progress dwar l-aġġornament tekniku tal-Anness 2-C. Matul il-Grupp ta' Ħidma, in-naħa Koreana kkonfermat l-aċċettazzjoni taċ-ċertifikati EURO VI għall-vetturi kummerċjali heavy-duty u proċeduri dokumentarji elettroniċi simplifikati għall-importazzjoni ta' tajers bil-marka "E". Kwistjonijiet ta' aċċess għas-suq li ġew diskussi kienu jinkludu, fost l-oħrajn, trakkijiet-tratturi, awtoċertifikazzjoni u mmarkar tal-parts tal-karozzi, standards ġodda tal-emissjonijiet għal karozzi petrol, miri tas-CO2, limitu tal-wisa' tal-vetturi, sistema ta' bbrejkjar awżiljari għal xarabankijiet kbar u standards ta' sikurezza għall-impatt fuq l-armrest.

Il-**Grupp ta' Ħidma dwar Farmaċewtiċi u Tagħmir Mediku** li ltaqa' f'Seoul fil-11 ta' Ġunju 2015 iddiskuta, fost l-oħrajn, is-sistema Koreana tal-ipprezzar tal-farmaċewtiċi u r-rikonoxximent xieraq tal-valur ta' mediċini u teknoloġiji innovattivi, l-emendi proposti għall-Att Korean tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa Nazzjonali, l-implimentazzjoni mill-Korea ta' serjalizzazzjoni għad-drogi, l-applikazzjoni tal-Korea għal inklużjoni fil-lista l-bajda ta' Ingredjenti Farmaċewtiċi Attivi (Active Pharmaceutical Ingredients - APIs) fl-UE, it-tnaqqis

[11] Dejta dwar il-PUR tal-UE u dik Koreana mhijiex direttament komparabbli minħabba li tirreferi għal perjodi differenti (Lulju 2014 sa Ġunju 2015 għall-PUR tal-UE, u Jannar-Diċembru 2014 għall-PUR Koreana).

fil-prezz tar-rimborż ibbażat fuq il-metodoloġija tal-prezz tal-importazzjoni tal-apparat mediku, ir-rekwiżiti tat-testijiet kliniċi, u l-emendi proposti għal-leġiżlazzjoni tal-UE dwar l-apparat mediku relatati mas-sistema tal-marka CE. Il-Grupp ta' Ħidma kien segwit minn laqgħa tal-esperti fejn iż-żewġ naħat qasmu r-riżultati tal-ispezzjonijiet fis-settur farmaċewtiku fil-qafas tal-Konvenzjoni tal-Ispezzjoni Farmaċewtika u l-Iskema ta' Kooperazzjoni tal-Ispezzjoni Farmaċewtika (PIC/S - Pharmaceutical Inspection Convention and Pharmaceutical Inspection Co-operation Scheme) u l-fehmiet tagħhom dwar l-armonizzazzjoni regolatorja fis-settur tat-tagħmir mediku, u ddiskutew ukoll l-applikazzjoni tal-Korea għall-APIs.

Fl-istess jum, fil-11 ta' Ġunju 2015, il-**Grupp ta' Ħidma dwar il-Kimiċi** ltaqa' f'Seoul sabiex jaqsam informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tar-REACH ta' kull naħa, b'mod partikolari fir-rigward ta' sustanzi ristretti u metodi tal-immaniġġar tar-riskju, il-kompatibilità tas-sistemi tal-IT tal-Korea mal-formati tal-OECD u d-Dejtabejż Internazzjonali għall-Informazzjoni Kimika Uniformi (International Uniform Chemical Information Database - IUCLID), modi kif tiġi żgurata l-kunfidenzjalità dwar il-kimiki rreġistrati fir-REACH Koreana, rekwiżiti onerużi għall-konferma ta' sustanzi tar-R&Ż eżenti mir-reġistrazzjoni u għar-rapport annwali tal-importaturi, eċċ. In-naħa tal-UE aġġornat ukoll lin-naħa Koreana dwar ir-Regolament tal-Prodotti Bijoċidali tal-UE fid-dawl tat-tħassib li qajmu xi esportaturi Koreani.

Fis-7 ta' Settembru 2015, il-**Kumitat dwar iż-Żoni għall-Ipproċessar Endoġenu (OPZ) fil-Peniżola Koreana** ltaqa' f'Seoul. In-naħa Koreana pprovdiet ħarsa ġenerali lejn il-Kumpless Industrijali Gaeseong, il-park industrijali inter-Korean li jinsab fil-Korea ta' Fuq. Il-Kumitat ikkunsidra wkoll id-diskussjonijiet tal-laqgħa preċedenti tal-Kumitat. Barra minn hekk, iddiskuta l-proposta testwali mibgħuta mill-Korea sabiex jiġu emendati d-dispożizzjonijiet tal-FTA relatati mal-OPZ. Iż-żewġ naħat għarfu s-sensittività politika tal-kwistjoni tal-OPZ però qablu li jkomplu d-diskussjonijiet fuq livell ta' ħidma.

Fit-8 ta' Settembru 2015, il-**Kumitat tal-Kummerċ f'Oġġetti** ltaqa' f'Sejong City. Huwa ddiskuta l-implimentazzjoni ġenerali tal-FTA wara erba' snin, inkluż kif tittejjeb l-utilizzazzjoni tal-FTA min-negozji. Kwistjonijiet oħra diskussi kienu jinkludu, fost l-oħrajn, l-iżviluppi regolatorji reċenti fl-UE għal prodotti elettriċi u elettroniċi, ir-rieżami mill-Korea tal-Artikolu 4 (Arranġamenti tranżizzjonali) tal-Anness 2-B tal-FTA sabiex prodotti jitqiegħdu fi skemi ta' ċertifikazzjoni eħfef u aktar kooperazzjoni regolatorja fil-qasam tal-prodotti elettriċi u elettroniċi. Kwistjonijiet ta' aċċess għall-industrija tal-kożmetiċi tal-UE ġew ukoll diskussi, jiġifieri b'mod partikolari s-sistema għall-iskambju elettroniku tad-dejta fil-Korea u d-dispożizzjonijiet relatati mal-ħwienet mingħajr dazju fiċ-ċentri tal-ibliet. Barra minn hekk, fin-nuqqas ta' kumitat jew grupp ta' ħidma ddedikat għall-implimentazzjoni tal-Kapitolu dwar il-Kompetizzjoni tal-FTA, ġiet diskussa l-implimentazzjoni ta' dan il-kapitolu, b'mod partikolari rigward is-sussidji. Fl-aħħar nett, il-partijiet iddiskutew it-tħejjija tal-Kumitat tal-Kummerċ.

Fid-9 ta' Settembru 2015, il-**Kumitat għall-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli** ltaqa' f'Seoul. Il-partijiet skambjaw fehmiet dwar il-politiki ambjentali u tax-xogħol rispettivi tagħhom. Il-Kapitolu 4 hawn taħt jiddeskrivi dawn id-diskussjonijiet f'aktar dettall.

Il-**Grupp ta' Ħidma dwar l-Indikazzjonijiet Ġeografiċi (IĠ)** ltaqa' darbtejn fl-2015. L-ewwel laqgħa saret f'Seoul fl-14 ta' Settembru 2015, segwita mit-tieni laqgħa fi Brussell fl-4 ta' Novembru 2015. Sar progress dwar l-IĠ ġodda li għandhom jiżdiedu mal-lista ta' IĠ

protetti skont l-FTA u tkomplew id-diskussjonijiet dwar il-proċess li jwassal għal dawn iż-żidiet. Fiż-żewġ laqgħat, il-partijiet iddiskutew ukoll l-infurzar ta' xi IĠ Ewropej fis-suq Korean u ta' xi IĠ Koreani fis-suq tal-UE.

Fl-24 ta' Settembru 2015, il-**Kumitat dwar il-Kummerċ tas-Servizzi, l-Istabbiliment u l-Kummerċ Elettroniku** ltaqa' fi Brussell. Il-partijiet iddiskutew u skambjaw informazzjoni dwar l-implimentazzjoni tal-FTA f'għadd ta' oqsma, inkluż ir-rieżami tal-qafas ġuridiku tal-investiment, is-servizzi finanzjarji, speċjalment fir-rigward tat-trasferiment u l-ipproċessar ta' informazzjoni finanzjarja, kif ukoll il-funzjonijiet ta' prestazzjoni, il-protezzjoni tad-dejta personali u s-servizzi postali u tal-kurjer, fejn ġew diskussi r-rieżami tal-prinċipji postali kif ukoll is-servizzi ta' kunsinna fil-pront. Fl-aħħar nett, il-partijiet aġġornaw lil xulxin dwar in-negozjati tagħhom relatati mal-kummerċ fis-servizzi u l-investiment.

Fl-istess ġurnata, fl-24 ta' Diċembru 2015, il-**Grupp ta' Ħidma dwar il-Ftehimiet ta' Rikonoxximent Reċiproku (FRR) għas-Servizzi**, ltaqa' fi Brussell. Iż-żewġ naħat skambjaw fehmiet dwar l-inizjattivi tal-FRR rispettivi tagħhom ma' pajjiżi oħra u kkunsidraw il-progress f'diskussjonijiet tal-FRR bejn assoċjazzjonijiet professjonali fl-oqsma tas-servizzi tal-inġinerija u l-arkitettura. Iddiskutew ukoll il-ħidma futura f'dawn l-oqsma u qablu li l-assoċjazzjonijiet professjonali għandhom ikomplu jiġu mħeġġa biex jaħdmu flimkien.

Fl-4 ta' Novembru 2015, il-**Kumitat Doganali** ltaqa' fi Brussell. Huwa ddiskuta l-emendi possibbli għall-FTA fil-qasam doganali, pereżempju, il-proposta tal-UE sabiex tiġi emendata l-klawżola tat-trasport dirett u sabiex tiġi miżjuda klawżola dwar oġġetti msewwija, u s-suġġeriment tal-Korea biex jitneħħa l-Artikolu 14 tal-Protokoll dwar ir-Regoli tal-Oriġini tal-FTA dwar eżenzjoni mid-dazji doganali jew rifużjoni tagħhom. Ġie diskuss ukoll l-aġġornament tekniku tar-regoli speċifiċi għall-prodotti minn SA2007 sa SA2012, mitlub mill-Korea. Barra minn hekk, il-Kumitat indirizza kwistjonijiet relatati mar-regoli tal-oriġini, bħall-interpretazzjoni tal-ingredjent primarju tal-bażi tas-surimi, il-proċeduri tal-verifika tal-oriġini, u s-sistema tal-esportatur approvat. Barra minn hekk, il-partijiet iddiskutew il-miżuri l-ġodda mis-Servizz Doganali tal-Korea dwar kunsinni fil-pront minn operaturi express u assistenza amministrattiva reċiproka dwar każ speċifiku.

Id-**Djalogu PI** seħħ fil-5 ta' Novembru 2015 fi Brussell. Iż-żewġ naħat taw aġġornament dwar l-iżviluppi leġiżlattivi u politiċi fil-qasam tal-PI, b'mod partikolari fir-rigward ta' drittijiet tal-awtur, privattivi, marki kummerċjali u infurzar. In-naħa tal-UE semmiet l-importanza li jinżamm bilanċ bejn id-detenturi tad-drittijiet ta' privattivi essenzjali standard u l-implimentaturi fil-politika tal-kompetizzjoni tal-Korea. In-naħa tal-UE esprimiet ukoll it-tħassib tagħha dwar in-nuqqas ta' implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet tal-FTA dwar id-drittijiet ta' eżibizzjoni pubblika, sakemm issir ir-reviżjoni mill-Korea tal-Att dwar id-Drittijiet tal-Awtur u ssottolinjat l-importanza ekonomika ta' din il-kwistjoni kemm għall-UE kif ukoll għall-Korea.

Il-**Kumitat tal-Kummerċ** iltaqa' fil-15 ta' Settembru 2015 f'Seoul, eżatt qabel is-Summit UE-Korea fl-istess jum. Huwa kien ikkopresedut mill-Kummissarju għall-Kummerċ, Cecilia Malmström u l-Ministru tal-Kummerċ, l-Industrija u l-Enerġija tal-Korea, Yoon Sang-jick. Il-Kumitat ivvaluta l-iżvilupp tal-kummerċ bilaterali wara erba' snin ta' implimentazzjoni tal-FTA, u r-rata ta' utilizzazzjoni tal-preferenza mill-esportaturi fuq iż-żewġ naħat. In-naħa Koreana esprimiet it-tħassib tagħha dwar id-defiċit kummerċjali tagħha mal-UE, li aggrava

ruħu fir-raba' sena tal-FTA. Filwaqt li kien hemm ħafna raġunijiet għal dan, fosthom it-tnaqqis fid-domanda fl-UE, dan għamilha diffiċli għall-Gvern Korean biex jiġġustifika l-benefiċċji tal-FTA mal-partijiet ikonċernati domestiċi tiegħu.

Il-Kumitat għall-Kummerċ iddiskuta wkoll ir-rieżami futur possibbli tal-FTA, b'mod partikolari minħabba l-interess tal-Korea li tinkludi dispożizzjonijiet ta' protezzjoni tal-investiment fl-FTA u t-talba tal-UE sabiex jiġu emendati ċerti dispożizzjonijiet, bħalma hija l-klawżola tat-trasport dirett. Iż-żewġ naħat qablu li jibdew l-esplorazzjoni ta' pakkett ta' emendi possibbli tal-FTA, b'kont meħud tal-interessi u s-sensittivitajiet fuq iż-żewġ naħat.

Iż-żewġ naħat qajmu wkoll it-tħassib rispettiv tagħhom relatat mal-implimentazzjoni tal-ftehim jew l-aċċess għas-suq b'mod ġenerali, b'mod partikolari fl-oqsma tal-SPS, l-ostakli tekniċi għall-kummerċ u d-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u taw istruzzjonijiet lill-kumitati speċjalizzati u lill-gruppi ta' ħidma biex ikomplu jfittxu soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet taż-żewġ naħat.

Fl-aħħar nett, fis-**Summit bejn l-UE u l-Korea** li sar f'Seoul fil-15 ta' Settembru 2015 wara l-Kumitat tal-Kummerċ, il-mexxejja tennew li l-implimentazzjoni sħiħa tal-FTA u żieda fil-volum tal-kummerċ bejn il-Korea u l-UE kienu importanti, sabiex jinkisbu l-benefiċċji mistennija għaż-żewġ naħat b'mod ibbilanċjat. Huma ħeġġew ukoll lill-uffiċjali tal-kummerċ tagħhom sabiex jipproduċu eżiti tanġibbli dwar il-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni tal-FTA u qablu li jesploraw modi biex itejbu n-normi għall-investiment, filwaqt li jkomplu bid-diskussjonijiet dwar titjib ieħor għall-FTA.

4. L-IMPLIMENTAZZJONI TAL-KAPITOLU 13 TAL-FTA DWAR IL-KUMMERĊ U L-IŻVILUPP SOSTENIBBLI

Kif indikat aktar 'il fuq, ir-raba' laqgħa tal-Kumitat dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli (Committee on Trade and Sustainable Development - CTSD) saret f'Seoul fid-9 ta' Settembru 2015.

Skont il-prattika stabbilita sew tal-laqgħat preċedenti, il-Kopresidenti tal-Forum tas-Soċjetà Ċivili (Civil Society Forum - CSF) aġġornaw lis-CTSD dwar ix-xogħol tal-Gruppi Konsultattivi Domestiċi (Domestic Advisory Groups - DAGs) mill-aħħar laqgħa tal-Kumitat.

Is-segment tal-ambjent kien jinkludi preżentazzjoni min-naħa tal-Korea dwar is-Soċjetà tar-Riċiklaġġ, l-inizjattiva ewlenija tal-politika ambjentali Koreana, inkluż aġġornament dwar l-iżviluppi riċenti rigward "l-Att dwar il-Promozzjoni tat-Tranżizzjoni lejn Soċjetà li Tiċċirkola r-Riżorsi", li se jiġi infurzat mill-2017. Barra minn dan, il-partijiet iddiskutew il-qtugħ illegali tas-siġar, fejn l-UE għarrfet li tinsab lesta li tikkopera mal-Korea sabiex ikunu identifikati l-aħjar strateġiji biex jitwaqqfu l-importazzjoni u l-kummerċ ta' injam maqtugħ illegalment u ta' prodotti dderivati. Il-Korea infurmat dwar il-proposta leġiżlattiva tagħha li tindirizza l-kummerċ fl-injam maqtugħ b'mod illegali u l-prodotti tiegħu. Il-partijiet iddiskutew ukoll l-istat ta' ratifikazzjoni tal-Konvenzjoni ta' Minamata dwar il-Merkurju.

Is-segment dwar il-politika tax-xogħol ġie introdott minn preżentazzjoni tal-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol (ILO - International Labour Organisation) dwar żviluppi rigward l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni 111 tal-ILO u t-tagħlimiet meħuda minn modi biex jingħelbu l-ostakoli għall-konformità.

Il-kwistjonijiet tax-xogħol diskussi kienu jinkludu impenji skont l-Artikolu 13.4 tal-FTA li jirrispettaw, jippromwovu u jwettqu fil-liġi u fil-prattika l-prinċipji fundamentali u d-drittijiet fuq il-post tax-xogħol tal-ILO filwaqt li jimplimentaw b'mod effettiv il-Konvenzjonijiet tal-ILO li l-Partijiet irratifikaw rispettivament u jkomplu bl-isforzi tagħhom rigward ir-ratifika tal-Konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO u konvenzjonijiet oħra kklassifikati bħala "aġġornati" mill-ILO. Il-Partijiet aġġornaw lil xulxin dwar il-ħidma lejn ir-ratifika u l-implimentazzjoni effettiva tal-konvenzjonijiet fundamentali, ta' prijorità u oħrajn aġġornati tal-ILO, kif ukoll dwar żviluppi fil-politika tas-suq tax-xogħol li jista' jkollhom impatt fuq il-kummerċ u/jew l-investiment.

L-UE stiednet lill-Korea sabiex tgħaġġel l-isforzi biex tirratifika l-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO li għada ma rratifikatx, b'mod partikolari fir-rigward tax-xogħol furzat, il-libertà tal-assoċjazzjoni u d-dritt għan-negozjar kollettiv. In-naħa Koreana qablet li, qabel il-laqgħa li jmiss tas-CTSD u s-CSF, taqsam testi li jiddefinixxu passi konkreti addizzjonali maħsuba biex jitneħħew l-ostakoli li fadal għar-ratifika tal-Konvenzjonijiet ewlenin tal-ILO.

Rigward il-kooperazzjoni skont l-Anness 13 tal-FTA, sabiex javvanzaw l-impenji tagħhom fil-qasam tax-xogħol skont l-FTA, u filwaqt li jibnu fuq il-preżentazzjoni tal-ILO, il-Partijiet qablu li jniedu proġett skont l-Istrument ta' Sħubija (PI) sabiex janalizzaw l-implimentazzjoni tal-Konvenzjoni 111 tal-ILO dwar in-nondiskriminazzjoni fl-impjieg u fix-xogħol, bl-għan li jifhmu aħjar l-istat attwali tal-implimentazzjoni fil-Korea u l-Istati Membri tal-UE, u jidentifikaw l-ostakoli, it-tagħlimiet meħuda u l-aħjar prattiki biex itejbu l-konformità. Il-Partijiet iddiskutew ukoll l-impenn tagħhom lejn aġir intraprenditorjali responsabbli u t-tnedija possibbli ta' proġett ta' PI fil-qasam tas-CSR. Fl-aħħar nett, il-partijiet iddiskutew l-iżviluppi riċenti rigward in-negozjati li għaddejjin bħalissa fuq Ftehim dwar Oġġetti Ambjentali u l-kooperazzjoni tagħhom f'dan il-kuntest.

Il-Kumitat qabel li l-kapitolu ambizzjuż dwar il-Kummerċ u l-Iżvilupp Sostenibbli fl-FTA juri l-impenn komuni tal-Partijiet għall-objettiv globali tal-iżvilupp sostenibbli, li għandu jkun irrispettat fl-implimentazzjoni - kemm fl-ispirtu kif ukoll fil-kelma.

Is-CSF kellu r-raba' laqgħa tiegħu fl-10 ta' Settembru 2015 f'Seoul. Din kienet preċeduta minn sessjoni ta' ħidma dwar aspetti marbuta max-xogħol fid-9 ta' Settembru b'diskussjoni dwar il-kuntratti b'terminu fiss u l-pagi minimi.

Is-CSF beda b'laqgħa ta' aġġornament mill-kopresidenti tas-CTSD li rrappurtaw dwar l-eżitu tad-diskussjonijiet tagħhom fil-ġurnata ta' qabel u qasmu mal-membri tas-CSF suġġerimenti rigward oqsma għal ħidma u analiżi futura mis-CSF. Dan ġie segwit minn dibattitu dwar l-istandards tax-xogħol, is-CSR, il-kontribut tas-soċjetà ċivili għall-politika dwar it-tibdil fil-klima u l-programm għal aktar ħidma tad-DAGs u s-CSF.

5. KONKLUŻJONI

Abbażi ta' aktar minn erba' snin ta' implimentazzjoni, wieħed jista' jikkonkludi li l-FTA UE-Korea ħadem tajjeb ħafna. L-esportazzjonijiet ta' oġġetti mill-UE lejn il-Korea żdiedu b'55% fir-raba' sena tal-implimentazzjoni tal-FTA meta mqabbla mal-perjodu ta' 12-il xahar qabel ma l-FTA daħal fis-seħħ. Fl-istess ħin, l-esportazzjonijiet Koreani żdiedu wkoll, anki jekk

inqas mill-esportazzjonijiet tal-UE. Il-prestazzjoni iktar dgħajfa tal-esportazzjonijiet ta' oġġetti mill-Korea għandha titqies fil-kuntest tat-tnaqqis fid-domanda fl-UE wara l-kriżi finanzjarja. Madankollu, meta wieħed iħares lejn l-iżvilupp tal-kummerċ bilaterali ta' oġġetti li ġie kompletament jew parzjalment liberalizzat mill-FTA, is-sitwazzjoni tidher ħafna aħjar għall-Korea wkoll, b'żieda ta' 35% fl-esportazzjonijiet ta' oġġetti kompletament liberalizzati lejn l-UE u żieda ta' 64% fl-esportazzjonijiet lejn l-UE ta' dawk parzjalment liberalizzati.

Fuq in-naħa tal-UE, l-esportazzjonijiet ta' oġġetti liberalizzati kompletament u parzjalment ukoll żdiedu aktar mill-esportazzjonijiet b'mod ġenerali, b'żieda ta' 57% għal oġġetti kompletament liberalizzati u żieda ta' 71% għal oġġetti parzjalment liberalizzati.

Barra minn hekk il-kummerċ fis-servizzi kiber bi 11% f'esportazzjonijiet tal-UE lejn il-Korea u b'4% f'importazzjonijiet tal-UE mill-Korea fl-2014 meta mqabbel mal-2013. Matul l-istess perjodu, l-istokkijiet tal-IDB bilaterali żdiedu b'35%.

L-implimentazzjoni sħiħa tal-FTA tibqa' ta' importanza kruċjali, sabiex jinkisbu l-benefiċċji mistennija għaż-żewġ naħat. Xi kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u ta' kummerċ bilaterali għadhom jippersistu. Pereżempju fis-settur tal-SPS, proċeduri oneruži tal-awtorizzazzjoni joħolqu ostakli li jolqtu b'mod partikolari l-esportazzjonijiet taċ-ċanga u l-majjal tal-UE. L-implimentazzjoni kkawżat ukoll tħassib fl-oqsma tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet ta' eżibizzjoni pubblika u l-indikazzjonijiet ġeografiċi, kif ukoll il-kummerċ u l-iżvilupp sostenibbli, fejn hemm ħtieġa li tiġi mgħaġġla r-ratifika tal-konvenzjonijiet fundamentali tal-ILO.

F'dan ir-rigward, il-kumitati u gruppi ta' ħidma speċjalizzati stabbiliti biex jimplimentaw l-FTA se jkomplu jiddiskutu u jfittxu soluzzjonijiet għall-kwistjonijiet ta' implimentazzjoni u aċċess għas-suq, bl-għan li jipproduċu riżultati tanġibbli. Dawn il-korpi ta' implimentazzjoni wkoll urew li huma fora utli ħafna biex jiddiskutu żviluppi regolatorji attwali u futuri, u oqsma ta' kooperazzjoni futura.

Fl-aħħar nett, kif ġie miftiehem waqt il-Kumitat għall-Kummerċ f'Settembru 2015, l-UE u l-Korea se jkomplu d-diskussjonijiet dwar pakkett ta' emendi tal-FTA, bl-għan li jintlaħaq riżultat bilanċjat u aċċettabbli għaż-żewġ naħat.